

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Mejju 2010

li temenda l-Anness II tad-Deċiżjoni 2008/185/KE fir-rigward tal-inklużjoni tal-Irlanda fil-lista ta' reġjuni fejn hemm stabbilit programm approvat ta' kontroll nazzjonali għall-marda Aujeszky

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 2983)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/271/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffettwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 9(2) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 64/432/KEE tistipula regoli applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju f'annimali bovini u suwini. L-Artikolu 9 ta' dik id-Direttiva jistipula l-kriterji għall-approvazzjoni ta' programmi ta' kontroll nazzjonali obbligatorji għal ċerti mardiet li jittieħdu, fosthom il-marda Aujeszky.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/185/KE tal-21 ta' Frar 2008 dwar garanziji addizzjonali f'kummerċ intra-Komunitarju tal-majjal rigward il-marda ta' Aujeszky, u kriterji sabiex jipprovdu informazzjoni dwar din il-marda⁽²⁾ tistipula garanziji addizzjonali għal movimenti ta' ħnieżer bejn l-Istati Membri. Dawk il-garanziji huma marbuta mal-klassifikazzjoni tal-Istati Membri skont l-istatus tal-marda.
- (3) L-Anness II tad-Deċiżjoni 2008/185/KE jelenka l-Istati Membri jew ir-reġjuni tagħhom fejn hemm stabbiliti programmi ta' kontroll nazzjonali approvati għall-marda Aujeszky.
- (4) L-Irlanda ppreżentat dokumentazzjoni ta' sostenn lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istatus tal-marda Aujeszky f'dak l-Istat Membru. Programmi ta' kontroll nazzjonali għall-marda Aujeszky ilhom implimentat fl-Irlanda għal bosta snin.

(5) Il-Kummissjoni investigat id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-Irlanda u sabet li l-programm ta' kontroll nazzjonali f'dak l-Istat Membru hu konformi mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 64/432/KEE. Għaldaqstant, l-Irlanda għandha tiġi inkluża fil-lista stabbilita fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2008/185/KE.

(6) Għal raġunijiet ta' ċarezza, huwa meħtieġ li jsiru ċerti emendi minuri għad-dħul għal Spanja fil-lista fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2008/185/KE.

(7) L-Anness II għad-Deċiżjoni 2008/185/KE għandu, għalhekk, jiġi emendat skont dan.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Deċiżjoni 2008/185/KE huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Mejju 2010.

Għall-Kummissjoni

John DALLI

Membru tal-Kummissjoni

(¹) ĠU L 121, 29.7.1964, p. 1977/64.

(²) ĠU L 59, 4.3.2008, p. 19.

ANNEX

"ANNEX II

L-Istati Membri jew reġjuni tagħhom fejn huma fis-seħħ programmi approvati ta' kontroll nazzjonali għall-qerda tal-marda Aujeszky

| Kodiċi ISO | Stat Membru | Ir-reġjuni |
|------------|---------------|--|
| BE | Il-Belġju | Ir-reġjuni kollha |
| ES | Spanja | It-territorju tal-Komunitajiet Awtonomi ta' Galicia, País Vasco, Asturias, Cantabria, Navarra, La Rioja. It-territorju tal-provinċji ta' León, Zamora, Palencia, Burgos, Valladolid u Ávila fil-Komunità Awtonoma ta' Castilla y León It-territorju tal-provinċja ta' Las Palmas fil-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Kanarji |
| HU | L-Ungerija | Ir-reġjuni kollha |
| IE | L-Irlanda | Ir-reġjuni kollha |
| IT | L-Italja | Il-provinċja ta' Bolzano |
| UK | Ir-Renju Unit | Ir-reġjuni kollha fl-Irlanda ta' Fuq" |